

Brussell, 20 ta' April 2026
(OR. en)

7581/26

CDR 46

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar membru u membru supplenti, proposti mir- Repubblika Federali tal-Ġermanja, fil-Kumitat tar-Regġuni - Adozzjoni

1. Permezz ta' ittra datata t-18 ta' Marzu 2026¹, is-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat tar-Regġuni għarraf lill-Kunsill bir-riżenja tas-Sur Thomas Eugen HABERMANN, membru tal-Kumitat tar-Regġuni, b'effett mill-1 ta' Mejju 2026.
2. Skont l-Artikolu 305 TFUE, il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposti mill-Istati Membri rispettivi, jaħtar membri u membri supplenti tal-Kumitat tar-Regġuni.

¹ 7534/26.

3. F'konformità mad-dik id-dispożizzjoni u għall-fini tas-sostituzzjoni tas-Sur Thomas Eugen HABERMANN, il-Gvern Ġermaniż ippropona² lis-Sur Christoph SCHNAUDIGEL, rappreżentant ta' korp lokali li għandu mandat elettoral ta' awtorità lokali, *Landrat des Landkreises Karlsruhe* (Kummissarju Distrettwali ta' Karlsruhe), bħala membru fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mill-1 ta' Mejju 2026 u għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2030.
4. Is-Sur Christoph SCHNAUDIGEL bħalissa huwa membru supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni. Konsegwentement, wara l-ħatra tiegħu bħala membru, ser isir vakanti wkoll siġġu ta' membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni mill-1 ta' Mejju 2026.
5. Għall-fini li timtela l-pożizzjoni li ser titħalla vakanti mis-Sur Christoph SCHNAUDIGEL, il-Gvern Ġermaniż ippropona lis-Sa Ina LAUKÖTTER, rappreżentant ta' korp lokali li għandha mandat elettoral ta' awtorità lokali, *Landrätin des Kreises Gütersloh* (Kummissarju Distrettwali ta' Karlsruhe), bħala membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mill-1 ta' Mejju 2026 għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm sal-25 ta' Jannar 2030.
6. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tad-Deċiżjoni, kif jinsab fid-dokument 7583/26 u jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta dik id-Deċiżjoni bħala punt "A" fl-aqgħa li jmiss.

² 7447/26.